



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
COM(2025) 613 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**Li tippermetti lis-Slovenja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif
stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263
(Attivazzjoni koordinata tal-klawżola liberatorja nazzjonali)**

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

Li tippermetti lis-Slovenja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni koordinata tal-klawżola liberatorja nazzjonali)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali¹, flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1467/97 emendat dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv², u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE emendata dwar l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri³ huma l-elementi ewlenin tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE riformat. Il-qafas għandu l-għan li jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz ta' riformi u investimenti. Jippromwovi s-sjieda nazzjonali u għandu fokus fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u koerenti tar-regoli.
- (2) Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti f'rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 17(1) jew 19 tar-Regolament (UE) 2024/1263 huma r-referenza operazzjonali unika għas-sorveljanza fiskali annwali ta' kull Stat Membru u huma fiċ-ċentru tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika. Ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti minn dik ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jistabbilixxu restrizzjoni baġitarja għal erba' jew ħames snin, li hija bbażata fuq perjodu ta' aġġustament ta' erba' snin li, fil-każ ta' estensjoni, jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali sa tliet snin.
- (3) Il-qafas jipprevedi flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-Istati Membri li għandhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi, f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Fil-

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 306, 23.11.2011, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/85/2024-04-30>).

każ tal-aħħar, wara talba minn Stat Membru u fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni bbażata fuq l-analiżi tagħha, il-Kunsill jista' fi żmien erba' ġimgħat mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jadotta rakkomandazzjoni li tippermetti lil Stat Membru jiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tiegħu tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill, fejn (i) ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-Istat Membru, (ii) ikollhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, u (iii) dment li tali devjazzjoni ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. Il-Kunsill għandu jspecifika limitu ta' żmien għal tali devjazzjoni.

- (4) Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, li ltaqgħu f'Versailles fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022, impenjaw ruħhom li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej fid-dawl tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn l-għanijiet ġew imtennija fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar id-difiża Ewropea tas-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrakkomanda l-attivazzjoni, b'mod ikkoordinat, tal-klawżola liberatorja nazzjonali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bħala miżura immedjata.
- (5) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2025⁴, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu użu mill-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali b'mod ikkoordinat bil-ħsieb li jiġi massimizzat l-impatt fuq il-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE. Din il-flessibbiltà għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn livelli oġġla ta' nfiq fuq id-difiża fuq bażi permanenti. Dik il-Komunikazzjoni tiddeskrivi li l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill meta japprovaw il-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju jew meta jistabbilixxu l-perkorsi korrettivi skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, sal-punt li din id-devjazzjoni tkun iġġustifikata minn żieda fl-infiq fuq id-difiża meta mqabbla mas-sena ta' referenza, u li l-eċċess annwali sal-2028 ma jaqbiżx il-1.5 % tal-PDG. Żidiet lil hinn minn dak l-ammont ikunu soġġetti għall-valutazzjonijiet normali tal-konformità. Massimu bħal dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sostenibbiltà fiskali ma tiġix ipperikolata, filwaqt li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-flessibbiltà hekk kif jimxu lejn livell oġġla ta' nefqa fid-difiża. L-ammonti eżatti se jiġu ddeterminati meta d-data tal-eżitu ssir disponibbli, biex jiġi żgurat li l-flessibbiltà addizzjonali tintuża biss għall-iskop maħsub tagħha.
- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025⁵ approvat il-perkors tan-nefqa netta tas-Slovenja.
- (7) Fid-29 ta' April 2025, is-Slovenja ppreżentat talba lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali.
- (8) Fit-talba tagħha, is-Slovenja tistabbilixxi li, f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi akbar, il-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-theddida tagħha għas-sigurtà Ewropea jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni, li tirrikjedi żieda sinifikanti fl-infiq għad-difiża. Din is-sitwazzjoni hija ċirkostanza eċċezzjonali barra mill-kontroll ta' kull Stat Membru.
- (9) Fit-talba tagħha, is-Slovenja tirrapporta data dwar in-nefqa totali għad-difiża (Tabella 1). Barra minn hekk, is-Slovenja tipprevedi li tkompli żżid in-nefqa fuq id-difiża sena

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (C (2025) 2000 final) tad-19 ta' Marzu 2025.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju tas-Slovenja (ĠU C, C/2025/640, 10.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/640/oj>).

wara sena, bil-ħsieb li tilħaq il-mira tan-NATO ta' 2 % tal-PDG fl-2026. Għalhekk, iż-żieda fin-nefqa għad-difiża għandha impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tas-Slovenja.

Tabella 1: Infiq totali għad-difiża fis-Slovenja

	2021 a	2022 a	2023 a	2024 b	2025 b
Nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż (% tal-PDG)	1.2	1.2	1.2	1.4	mhux applikabbli

Sors: a. l-Eurostat; b. Informazzjoni pprovduta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mis-Slovenja.

- (10) Is-Slovenja tistma li ż-żieda fin-nefqa totali għad-difiża bħala proporzjon mal-PDG mill-2021 sal-2024 se tkun ta' madwar 0.25 punti perċentwali u għalhekk tikkontribwixxi għad-deterjorament tal-bilanċ tal-gvern u għaż-żieda tad-dejn tal-gvern.
- (11) Jekk kollox jibqa' l-istess, żieda fin-nefqa matul il-perjodu kopert mill-klawżola liberatorja nazzjonali se twassal għal dejn ogħla tal-gvern u defiċit ogħla sa tmiem dak il-perjodu. Il-projezzjonijiet indikattivi mmexxija mill-Kummissjoni u bis-suppożizzjoni, sal-2028, ta' adozzjoni lineari taż-żieda sħiħa fin-nefqa tal-gvern permessa minn din ir-rakkomandazzjoni jissuġġerixxu li l-proporzjon tad-defiċit mal-PDG u l-proporzjon tad-dejn għall-PDG fl-2028 ikunu 1.2 pps. u 2.4 pps. ogħla, rispettivament, milli kieku n-nefqa netta tikber f'konformità mal-perkors stabbilit mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/640. Dan x'aktarx ikun jeħtieġ aġġustament fiskali addizzjonali wara l-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-qafas fiskali, inkluż biex jiġi żgurat li l-proporzjon tad-dejn jitqiegħed jew jibqa' fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli, jew jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-PDG fuq terminu medju u li d-defiċit jibqa' jew jinġieb taħt it-3 % tal-PDG u jinżamm taħt il-valur referenzjarju fuq terminu medju. Is-Slovenja tirrikonoxxi li, fil-futur, nefqa strutturalment ogħla għad-difiża tista' teħtieġ politiki li jippreservaw is-sostenibbiltà fiskali u l-konformità mar-regoli fiskali fuq terminu medju.
- (12) Id-data dwar in-nefqa għad-difiża tal-gvern ġenerali tinġabar u tiġi rilaxxata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u mill-Eurostat skont il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG)⁶ fil-qafas tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali (ESA2010)⁷. Din id-data hija xierqa biex jiġi vvalutat l-impatt tal-infiq għad-difiża fuq id-defiċit, id-dejn u n-nefqa netta tal-gvern, u kunċetti relatati. L-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, se jistabbilixxi proċess ta' ġbir ta' data. Il-punt tat-tluq għandu jkun il-kategoriji ta' Difiża COFOG, filwaqt li titqies ukoll id-definizzjoni tan-NATO u tinżamm il-possibbiltà li jiġu indirizzati anomaliji li jistgħu jkun attribwibbli għal differenzi fis-

⁶ Manwal dwar is-sorsi u l-metodi għall-kompilazzjoni tal-istatistika tal-COFOG — Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG) — edizzjoni tal-2019.

⁷ Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

sistemi ta' rapportar annwali rispettivi. Il-proċess tal-ġbir tad-data jeħtieġ li jiġi allinjat mal-iskadenzi tar-rapportar tal-EDP.

- (13) Barra minn hekk, għal xi wħud mill-kuntratti għal tagħmir militari ffirmati matul il-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali, il-kunsinna tista' sseħħ fi stadju aktar tard, u għalhekk ikollha impatt fuq il-finanzi pubbliċi biss wara l-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola. Biex tiġi indirizzata din l-eventwalità, il-flessibbiltà mogħtija skont il-klawżola liberatorja nazzjonali jenħtieġ li tapplika wkoll għan-nefqa tad-difiża marbuta ma' tali konsenja aktar tard, dment li l-kuntratti korrispondenti jkunu ġew iffirmati matul il-perjodu ta' attivazzjoni tal-klawżola u li dan id-dewmien fl-infiq għad-difiża jibqa' fi ħdan il-limitu ġenerali msemmi hawn fuq.
- (14) In-nefqa ffinanzjata mis-self ipprovdut mill-istrument il-ġdid għall-Azzjoni tas-Sigurtà għall-Ewropa (SAFE)⁸ għat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea, se tibbenefika awtomatikament mill-flessibbiltà msemmija hawn fuq. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jirrapportaw lill-Eurostat in-nefqiet kollha relatati mad-difiża li jsiru taħt l-Istrument SAFE taħt il-kategoriji "prodotti tad-difiża" u "prodotti oħra għal skopijiet ta' difiża" kif definiti fil-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Istrument SAFE.
- (15) Din ir-rakkomandazzjoni ma timmodifikax id-definizzjonijiet tad-defiċit, id-dejn u n-nefqa netta tal-gvern, u l-kunċetti relatati. Id-data bbażata fuq dawn il-kunċetti għandha tinġabar u tiġi rrapportata mis-Slovenja f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2024/1263, Nru 479/2009 u Nru 549/2013.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Matul il-perjodu 2025–2028, is-Slovenja tista' tiddevja minn u taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/640⁹ sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir ma tkunx aktar minn:
 - (i) iż-żieda fin-nefqa għad-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2021;
 - (ii) dment li d-devjazzjoni li taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta ma taqbiżx il-1.5 fil-mija tal-PDG.
2. Fis-snin wara l-2028, is-Slovenja xorta tista' tiddevja minn u taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 17 jew 19 tar-Regolament (UE) 2024/1263, sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tkun relatata ma' konsenji ta' tagħmir militari kkuntrattat qabel tmiem l-2028 u tibqa' fil-limitu massimu kumplessiv imsemmi hawn fuq.
3. F'konformità mal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) 2024/1263, id-devjazzjonijiet mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill li huma permessi

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/... li jistabbilixxi l-Azzjoni ta' Sigurtà għall-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Istrument Ewropew għall-Industrija tad-Difiża.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju tas-Slovenja (ĠU C, C/2025/640, 10.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/640/oj>).

minn din ir-Rakkomandazzjoni mhux se jiġu rreġistrati bħala debiti fil-kont ta' kontroll tas-Slovenja.

4. Sabiex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni korretta tan-nefqa addizzjonali, is-Slovenja għandha tinkludi data attwali u ppjanata dwar in-nefqa totali għad-difiża (id-diviżjoni 02 tal-COFOG) u l-investiment fid-difiża (id-diviżjoni 02 P.51 tal-COFOG) u kwalunkwe nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mis-self tas-SAFE li mhumiex koperti fil-COFOG-02:

- (a) għas-snin T-4, T-3, T-2 u T-1 (bis-sena T tkun is-sena kurrenti) fir-rappurtar lill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 479/2009;
- (b) għas-snin 2021 sas-sena T (is-sena kurrenti), fil-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali ta' terminu medju u fir-rapporti ta' progress annwali f'konformità mal-Artikoli 11 (1) u 15, u 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263;
- (c) għas-snin T (is-sena attwali) u T+1 fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013.

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lis-Slovenja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*